# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 8 ta’ Jannar 2001

Citazzjoni numru 835/99 AJM

Kawza numru

Carmel u Rita konjugi Bonnici

Vs

John Vella

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-14 ta’ April 1999 li permezz taghha l-atturi wara l-ppremettew li fil-15 ta’ Gunju 1996 waqt li l-konvenut John Vella kien qed isuq vettura numru KKA 658 fi Triq San Pawlin-Naxxar imhabba traskuragini u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku huwa habat mal-vettura numru A-5590 proprjeta’ ta’ l-attur Carmel Bonnici, li dak il-hin kien ser johrog minn Luqa Briffa Street u l-konvenut baqa’ gej fil-karreggata hazina tta-triq, kontra d-direzzjoni tat-traffiku u habat fil-karozza ta’ l-attur; illi b’rizultat ta’ dan l-incident l-attur sofra danni konsiderevoli fosthom dawk rizultanti mill-korriment serju u ta' natura gravi li jwasslu ghall-inkapacita’ ta’ natura permanenti, liema nkapacita’ twassal ghad-danni attwali kif ukoll sejra twassal ghal

danni futuri lucrum cessans u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Jirrizulta ukoll li l-attur ghandu zmien twil ma' jmurx ghax-xoghol tieghu konsegwenza ta' dan l-incident bil-konsegwenzi kollha u telf ta' flus; illi wkoll b'konsegwenza ta' dan l-incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attur, kif gja intqal sofra danni konsiderevoli bhala rizultat tal-hsara fil-vettura teighu u dana ukoll kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; ghalhekk talbu li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku fuq imsemmi u ghad-danni kollha rizultanti lill-attur bhala konsegwenza ta'dan l-incident;
2. tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundannah ihallas lill-attur dawk id-danni li jigu likwidati kif fuq inghad flimkien ma l-imghaxjiet legali.

Bl-ispejjes konprizi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 28 ta' April 1998 kontra l-konvenut u kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-18 ta' Mejju 1999 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li mhux minnu illi l-incident in kwistjoni shh bhala rizultat tat-traskuragini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut kif allegat fic-citazzjoni, izda sehh bhala rizultat tat-traskuragini, negligenza u

nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-attur Carmel Bonnici.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta'l-udjenza tat-13 ta'Lulju 1999 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibughta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1999 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2000 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum wara li l-partijiet irrimettew ruhhom ghar-rizultanzi fil-process.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-15 ta' Gunju 1996 ghal habta tal-4.30 p.m. grat habta n-Naxxar fl-inkrocju format minn Triq San Pawl fejn kien mixi l-konvenut u liema triq tiehu minn Naxxar lejn San Pawl tat-Targa u Triq Luqa Briffa minn fejn kien hiereg il-konvenut liema triq tiehu ghal Gharghur. Bhala rizultat tal-impatt l-attur korra b'mod li kellu jittiehed l-isptar u ghamel xi zmien ma jahdimx filwaqt li l-karozza tieghu tal-marka Ford Zephyr grala hsarat konsiderevoli li giet dikjarata "total loss".

Li skizz tal-incident juri sewwa l-inkrocju in kwistjoni u partikolarment juri x-xtur li hemm f'tarf Luqa Briffa Street, hekk kif din tisbokka ghal

fuq St.Paul’s Street. Hemm indikat ukoll il-linja fil-karreggata f’tarf l-istess triq li tindika lill-vetturi gejjin mid-direzzjoni tal-Gharghur biex jieqfu qabel ma johrogu fuq St.Paul Street. Il-vettura ta’ l-attur tidher wieqfa kemm kemm tisporgi l-barra minn din il-linja fil-karreggata. Il-vettura tal-konvenut tidher wieqfa kompletament fuq in-nahha l-hazina tat-triq gewwa St.Paul's street bi brake marks ta’ 4.10 metri li l-ewwel jimxu dritt paralleli mal-bankina u fuq in-naha l-hazina tat-triq u ftit qabel l-impatt jduru lejn ix-xellug.

Dwar ic-cirkostanzi tal-incident l-attur jghid li huwa kien wieqaf fuq il-linja fejn hemm indikat “Stop” go Luqa Briffa Street. Hares lejn il-lemin, fid-direzzjoni ta’ San Pawl tat-Targa u ma ra xejn gej, u kif ippunta biex johrog fid-direzzjoni tan-Naxxar sar l-impatt billi giet fuqu l-Land Rover misjuqa mill-konvenut li dak il-hin kienet qed tinsaq kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq stante li l-konvenut kien qed jaqbez ringila karozzi li kienu weqfin.

Il-konvenut isostni li huwa kien jsuq lejn nofs it-triq minhabba vetturi ipparkjati fuq ix-xellug tieghu. Ra vettura tipponta biex tohrog minn fuq ix-xellug tieghu fl-inkrocju, gibed lejn il-lemin biex jevitaha izda kif ghamel hemm habat ma’ l-attur li hariglu mid-direzzjoni tal-Gharghur. Il-konvenut cahad li kien qed jaqbez ringila traffiku wieqfa.

Ikkunsdrat:-

Triq San Pawl hija triq principali u ghaldaqstant it-traffiku mixi fuqha ghandu d-dritta fuq vetturi ohrajn hergin minn Luqa Briffa Street. Dan jixhduh l-istess sinjali li hemm fit-triq Luqa Briffa minn fejn kien hiereg l-attur. Il-waqfin f’dan l-inkrocju huwa aktar importanti billi l-vizwali

lejn ix-xellug gewwa St. Paul's Street hija limitata hafna. B'dana kollu minn jkun qed jaghmel uzu minn triq principali ma ghandux jabbuza minn dik id-dritta billi jsuq fuq in-nahha il-hazina tat-triq senjatament fil-vicinanzi ta' inkrocju fejn jista' johrog traffiku iehor – sorpass f'dawn ic-cirkostanzi huwa mhux biss mhux indikat izda ukoll proibit mill-Highway Code (Art. 74 (ii)).

Mix-xhieda fuq riportata jidher li l-attur ma ghamel xejn hazin. Infatti jirrizulta li uwa waqaf, spezzjona it-triq gejja mid-direzzjoni ta' San Pawl tat-Targa biex jaccerta ruhu li fil-karreggata tieghu ma kienx hemm traffiku u ipprova jibda hiereg fi triqtu.

Il-konvenut ghal kuntrarju kien qed isuq kompletament fuq in-nahha il-hazina tat-triq u din il-Qorti mhix propensa taccetta l-ispjegazzjoni tieghu tal-fatti precedenti ghall-incident billi mhux sostnuti bl-iskizz. In fatti jidher car li l-konvenut kien ilu mixi gha xi distanza fuq in-naha l-hazina tat-triq. Dan jidher mill-brake marks li halliet l-karozza tieghu li huma fid-dritt u paralleli mal-bankina tan-naha tal-lemin. Kieku gara kif spjega l-konvenut u cioe li huwa gibed lejn il-lemin biex jevita vetturali kienet hierga minn fuq ix-xellug tieghu certament il-barke mark kien jkun angolat mix-xellug lejn il-lemin. Dan ma kienx hekk. Ta minn josserva ukoll li gewwa St.Paul's Street fuq ix-xellug tat-triq qabel ma din tasal fuq l-inkrocju in kwistjoni dejjem jkun hemm vetturi pparkjati biss b'dawn il-vetturi b'kollox karozzi sejrin minn Naxxar lejn San Pawl tat-Targa ma jsuqux “wrong side” billi t-triq hija wisa bizzejjed (9.0 metri) biex tippermetti "flow" f'zewg direzzjonijiet bil-vetturi ipparkjati kif semma l-istess konvenut. Jidher ghalhekk li l-posizzjoni tal-vettura tal-konvenut hija aktar konfacjenti ma dak li xhed l-istess attur fis-sens li din kienet qed taqbez ringila karozzi sejrin lejn San Pawl tat-Targa. Dan is-

sorpass hdejn Junction jammonta ghal sewqan negligeti partikolarment meta sar bi speed eccessiv kif jixhdu il-brake marks abbinati mal-hsara estensiva fil-vettura tal-attur.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ssib li l-incident de quo gara unikament tort u htija tal-konvenut.

Ikkunsidrat:-

Fl-incident l-attur korra, ittiehed l-isptar San Luqa u kellhom isirulu diversi punti. Bhala rizultat l-attur, li dak iz-zmien kellu sittin sena, gha,el cirka tmien xhur ma jahdimx izda wara dan il-perjodu xorta wahda ma hadimx pero mhux bhala rizultat tal-griehi izda billi hareg bil-pensjoni. Il-vettura ta'l-attur, skond l-istess attur, giet dikjarata "total loss.

Fin-nota ezebita a fol 89 tal-process l-attur elenka d-danni li huwa sofra u li kien qed jippretendi risarciment taghhom. Dawn huma maqsumin fi tlett partiti:-

a) Valur tal-karozza. L-attur qed jitlob is-somma ta' LM700 ghall-karozza tieghu li ma tissewwiex. Fix-xhieda tieghu l-attur qal li wara l-incident il-vettura tieghu giet spezzjonata mill-assikurazzjoni tal-konvenut u dawn ghalkemm iddikjarawha "total loss" u semmewlu "pre accident value" ta' cirka LM700 spiccaw ma offrewlu xejn. Tal-assikurazzjoni ma gewx prodotti bhala xhieda u din il-Qorti ma tarax kif vettura tal-ghamla bhal dik ta' l-attur tista' tigi valutata LM700 billi din hija vettura antika. Arbitrio boni viri ghalhekk qed tigi fissata s-somma ta' LM500 bhala danni rappresentanti l-prezz tal-vettura ta' l-attur.

b) Spejjes ta' tobba u medicina. L-attur qed jitlob taht din il-partita s-somma ta' LM100. Izda mid-dokumenti ezebiti a fol 21 sa 29 tal-process jidher li l-medicini li kien "allegatament juza" l-attur (u qed jinghad hekk billi ir-ricetti huma kollha f'isem martu) kienu kollha mehudin b'xejn minghand id-dipartiment tas-Sahha. B'dana kollu jista' jkun li l-attur kien jhallas xi haga lit-tabib kuranti biex jirilaxxalu dawn ic-certifikati. Ghalhekk qed tigi allokata s-somma ta' LM50 biex tkopri din il-parita.

c) Telf ta' qligh. L-attur xhed li huwa "self employed" u li wara l-incident ghamel xi tmien xhur ma jmur ghax-xoghol u wara irtira bil-pensjoni billi kien lahaq l-eta'. Ghalkemm l-attur seta' tilef xi introitu bhala rizultat tan-nuqqas tieghu mill-jattendi ghax-xoghol certament dan it-telf jista biss japplika ghal perjodu ta' tmien xhur li semma huwa stess u mhux sena shiha. Inoltre l-introitu annwu ta' l-attur, kif jidher mill-Income Tax Returns ezebiti minnu qatt ma qabez it-tlett elef lira maltin – anzi kien jkun qrib l-elfejn u hames mitt lira. Ghalhekk ghal din il-paritita l-Qorti qed tillikwida kumpens ta' LM1,600.

B'kollox ghalhekk l-attur huwa intitolat ghall-kumpens totali ta' elfejn mija u hamsin lira maltin (LM2150.00).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, tillikwida d-danni attrici fis-somma komplessiva ta' elfejn mija u hamsin lira maltin (LM2150.00) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat bl-imghax legali mil-lum.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri